*Minn qiegħ qalbna o kbir Andrija*
*Insellmulek Ħalluqin*
*B'vuċi waħda lkoll ngħidulek*
*Sliem għalik Missier Ħanin*



# L-Altar ta' Sant'Andrija fil-Knisja ta' Ħal Tarxien

Kitba ta' Mario Fenech

Waħda mill-eqdem parroċċi li għandna fil-gżejjer Maltin hija dik ta' Marija Annunzjata Ħal Tarxien. Twaqqfet mill-Isqof Gargallo b'digriet ta' nhar id-29 ta' Mejju 1592.

Il-knisja li hemm illum ġiet mibnija bejn Mejju tas-sena 1610 u s-sena 1618.

Biex inbniet din il-knisja kellhom jagħmlu l-wisgħa għaliha tlett knejjes oħra żgħar li kien hemm fl-istess post qabel. Dawn kienu ddedikati lil San Luqa, San Pawl u San Nikola.

Matul is-snin, fil-knisja saru diversi xogħlijiet ta' tibdil strutturali. Fost dan it-tibdil kien hemm il-bini tal-kappelluni fis-sena 1716 u l-bini tan-navi li kienu tlestew fis-sena 1723.

Fuq in-naħa tal-lemin tal-artal maġġur l-ewwel altar tan-navi kien ġie ddedikat lil Sant'Andrija appostlu u San Nikola ta' Bari. Il-kwadru ta' fuq dan l-altar jissemma li kien diġà fil-post fis-sena 1627. Jista' jkun li qabel ma sab il-post tiegħu f'wahda mill-kappelli tal-knisja, dan l-artal kien f xi parti differenti tal-knisja.

Iż-żewġ qaddisin kellhom dan l-altar ddedikat lilhom għal żewġ raġunijiet.

Fl-inħawi fil-limiti tal-parroċċa magħrufa bħala *Tal-Barrani* kien hemm knisja żgħira li kienet iddedikata lil Sant' Andrija. Tissemma fir-rapport tal-Viżta Pastorali li kien għamel fl-inħawi l-Isqof Tommaso Gargallo fis-sena 1600. Meta mbagħad, fis-sena 1615, l-Isqof Cagliares żar ir-raħal huwa sab li din il-knisja ġiet imwaqqa. Għaldaqstant l-obbligi li kellha marbuta magħha kienu qegħdin jiġu esegwiti mill-kustodju tagħha, ċertu Mastru Ġulju Barbara fil-knisja ta' Ħal Tarxien.

Dan kien ħareg ukoll somma flus biex jgħin fil-bini tal-knisja bil-ftehim li meta tkun lesta jkollu fil-kustodju tiegħu altar iddedikat lil Sant'Andrija. Jidher ukoll li fejn kienet mibnija l-knisja qabel ma din twaqqgħet, l-art kienet parti mill-ġust tagħha. Għaldaqstant din l-għalqa magħrufa bħala *l-ġnien ta' Sant' Andrija* ġiet irreġistrata mill-istess Mastru Ġulju Barbara, permezz ta' att għand in-nutar Marju Calleja ta' nhar it-23 ta Ottubru 1620 biex id-dħul minnha jmur biex isir il-quddies fuq l-altar ta' Sant'Andrija.

Il-qaddis l-ieħor, li għalih kien ukoll iddedikat dan l-altar, San Nikola ta' Bari, kif

għedna aktar qabel kellu knisja ddedikata għalih li kellha titneħħa biex tagħmel il-wisgħa għall-bini tal-knisja l-ġdida. Kien hemm knisja bħal ta' dan il-qaddis mibnija fl-inħawi magħrufa bħala *tal-bajjada* li tissemma fir-rapport tal-Viżta Pastorali tas-sena 1615.

Hawnhekk ukoll kien hemm xi obbligi li kellhom jiġu onorati tant li dawn ġew ittrasferiti għal fuq l-istess altar ta' Sant'Andrija.

Fil-kwadru minbarra x-xbihat ta' dawn iż-żewg qaddisin fil-parti ta' fuq tat-tila hemm ix-xbieha tal-Madonna bil-Bambin f'ħoġorha bilqegħda fuq dar merfugħa fuq sħaba bajda qiegħda tinġarr mill-anġli.

Kien hemm żmien meta dan l-altar kien jissejjaħ tal-Madonna ta' Loreto minħabba l-mod li bih hija ippreżentata l-Madonna.

Fuq in-naħa tax-xellug, fil-parti t'isfel, il-figura ta' Sant'Andrija għarkupptejh iħares il-fuq lejn il-Madonna filwaqt li qiegħed iħaddan miegħu s-salib tal-martirju. F'dan il-kwadru lill-qaddis narawh liebes kollu, mhux nofsu għeri, bħalma narawh fil-kwadri l-oħra.

Fuq in-naħa tal-lemin, ix-xbieha ta' San Nikola ta' Bari wkoll għarkupptejh fl-art iħares 'il fuq bl-ilbies ċerimonjali tiegħu bil-mitra u bil-baklu.

Għalkemm dan ix-xogħol m'għandux xi valur artistiku kbir, hija ħasra li ma nafux min hu l-artist li pinġieh.

Maż-żmien saru tibdiliet f'diversi artali ta' dik il-knisja u dan l-altar ta' Sant'Andrija u San Nikola ta' Bari ġie ddedikat lil San Franġisk minn Paola.

B'xorti tajba l-kwadru għadu jeżisti. Fil-fatt jinsab fis-sagristija tal-knisja ma' wħud mill-kwadri l-oħrajn li kellha din il-knisja.

